22003D0127



**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 127/2003**

**tas-26 ta' Settembru 2003**

**li temenda l-Anness XX (L-ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2003 tal-11 ta' Lulju 2003 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/121/KE tal-11 ta' Frar 2003 li tistabblixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-konċessjoni ta' l-eko-tikketta Komunitarja lill-magni tat-tindif bil-vakwu ([2]), trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XX għandu jiġi emendat kif ġej:

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 2ev (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/272/KE):

"2ew. **it-32003 D 0121**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/121/KE tal-11 ta' Frar 2003 li tistabblixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-konċessjoni ta' l-eko-tikketta Komunitarja lill-magni tat-tindif bil-vakwu (ĠU L 47, tal-21.2.2003, p. 56)."

*Artikolu 2*

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Direttiva 2003/121/KE fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajet Ewropej*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 272, tat-23.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 47, tal-21.2.2003, p. 56.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 2003.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

H. S. H. PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN